MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 10/2012/1

**William Vella f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Transpak Overseas Removals Limited (C 3339), Maria Lourdes Vella f'isimha u f'isem bintha Catherine Vella mart Andrea Nanni, Maria Carmela sive Marleen armla ta' Maurice Degiorgio, Mary Rose mart Geoffrey Malli u Joan mart Peter Wirth**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u Avukat Generali**

## Preliminari

**[1]** Dan hu appell interpost mir-rikorrenti [l-appellanti] minn sentenza parzjali moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fit-12 ta' Ottubru 2012, fuq it-tielet eccezzjoni tal-intimati, u li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet li, ai termini tal-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 4[2] tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem tiddeklina milli tezercita s-setgha taghha ghar-raguni li l-appellanti kellhom mezz xieraq ta' rimedju taht ligi ordinarja ohra ghall-ksur allegat tal-jeddijiet taghhom, u lliberat lill-intimati mill-osservazzjoni tal-gudizzju, bl-ispejjez ikunu a kariku tal-appellanti.

**[2]** Rat ir-rikors tal-appell li permezz tieghu l-appellanti talbu li din il-Qorti thassar l-imsemmija sentenza, thassar ukoll id-digrieti moghtija minn dik il-Qorti fis-7 ta' Mejju 2012 u fit-22 ta' Gunju 2012, tilqa' r-rikorsi tal-appellanti tat-23 ta' April 2012 u tat-18 ta' Mejju 2012 taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni, tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimati, u tordna li l-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kawza fuq il-mertu.

**[3]** Rat ir-risposta maghmula mill-appellati, li biha talbu li, ghar-ragunijiet indikati minnhom fl-istess risposta, il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**<u>Il-Fatti</u>**

**[4]** Il-fatti relevanti ghal dan l-appell huma dawn.

**[5]** Permezz ta' dikjarazzjoni tal-President ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-11 ta' Jannar 2012 giet esproprijata parti tan-naha ta' wara tal-mahzen 326 u 328 Triq Haz Zabbar, Fgura, bil-ghan li titwessa' triq skedata bl-isem "Sqaq Rjallu" Fgura. Dan l-esproprju sar mill-intimat Kummissarju fuq talba ta' Transport Malta li riedet tizviluppa dik il-parti tat-triq, izda l-kumpens kien ser jithallas mill-konjugi Bonello li joqoghdu f'dik il-parti tat-triq.

**[6]** B'ittra datata 19 ta' Jannar 2012, is-socjeta` appellanti giet informata bl-avviz li kien hareg fil-Gazzetta tal-Gvern.

**[7]** Min-naha taghhom l-appellanti oggezzjonaw ghal dan l-esproprju, in bazi ghal fatt allegat minnhom li ma kienx minnu li dan kien qed isir ghal skop pubbliku, izda kien intiz sabiex jibbenefikaw it-terzi persuni li kienu dahhlu f'obbligu kuntrattwali mal-Gvern sabiex ihallsu l-kumpens dovut ghall-espropriju.

**[8]** Fl-1 ta' Frar 2013, l-appellanti pprezentaw ir-rikors kostituzzjonali li permezz tieghu, wara li sostnew li kienu lezi d-drittijiet fundamentali taghhom naxxenti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, kif ukoll mill-Artikolu 14 tal-istess, talbu t-thassir tad-dikjarazzjoni presidenzjali, l-ghoti ta' rimedju xieraq u kundanna ghall-hlas tal-kumpens.

**[9]** Fir-risposta taghhom l-intimati permezz tat-tielet eccezzjoni talbu li l-Qorti tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha "in kwantu mir-rikors promotur ma jirrizultax li r-rikorrenti ezawrixxew ir-rimedji ordinarji li kienu disponibbli favur taghhom qabel ma ntavolaw il-proceduri odjerni."

Is-Sentenza Appellata

**[10]** Illi l-ewwel Qorti wasslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi f'din il-kawza, ir-rikorrenti qed jilmentaw mill-fatt li l-esproprju li sehh b'avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Jannar 2012, u li bis-sahha taghha ittiehdet parti mill-mahzen kummercjali li ghandhom gewwa l-Fgura, ma sarx "ghal skop pubbliku", izda fl-interess ta' terzi. L-intimati, in linea preliminari, eccepew illi l-istess rikorrenti kellhom rimedju ordinarju disponibbli ghalihom, u talbu lil din il-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat lilha moghtija skont il-proviso ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan il-ghan, l-intimati ghamlu referenza ghall-artikolu 6(2) ta' l-Ordinanza dwar l-akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi kif gej:

““*(2) Kull persuna li ghandha interess fl-art li dwarha tkun saret dikjarazzjoni mill-President kif imsemmi fis-subartikolu (1), tista' tikkontesta l-iskopijiet pubblici ta' dik id-dikjarazzjoni quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet permezz ta' rikors ipprezentat fir-registru ta' l-imsemmi Bord fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata mill-pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni u d-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li japplikaw ghas-smiegh tal-kawzi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, inkluzi d-dispozizzjonijiet li jirrigwardaw appelli minn dawk id-decizjonijiet, ghandhom japplikaw mutatis mutandis ghad-decizjoni dwar l-imsemmi rikors:*

*"Izda l-prezentata ta' rikors skont dan is-subartikolu m'ghandhiex tfixkel l-issoktar tal-proceduri ta' esproprjazzjoni jew l-ghemil ta' kull haga li tista' ssir fuq dik l-art skont din l-Ordinanza, f'dak iz-zmien meta r-rikors ikun ghad irid jigi deciz, bla hsara ghad-dritt tar-rikorrent li jinghata kumpens f'kaz illi d-dikjarazzjoni tal-President tinstab li tkun minghajr skop pubbliku.*"
"Id-dikjarazzjoni relattiva f'dan il-kaz, giet ippubblikata fil-11 ta' Jannar 2012, u r-rikorrenti gew avzati b'dan b'ittra tad-19 ta' Jannar 2012. Ma jidhirx li ttiehdet il-procedura kontemplata f'dan l-artikolu.

"Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Spiteri v. Direttur tar-Registru Pubbliku", deciza fis-27 ta' April 2012:

““*10. Il-principji applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrenti ghandhomx jew kellhomx ghad-dispozizzjoni taghhom rimedju ordinarju alternattiv u effettiv gew delineati minn din il-Qorti f'diversi sentenzi taghha u li anke l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghalihom. Dan l-insenjament gie migbur b'mod komprensiv fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet* ***Olena Tetyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs****.*

*"11. Fost ohrajn insibu dawn:*

*"L-ezistenza tar-rimedju l-iehor ghandha tirrizulta bhala stat ta' fatt attwali u objettiv;*

*“Ir-rimedju jrid ikun accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;*

*“Biex ir-rimedju jitqies effettiv m’hemmx ghalfejn li jintwera li r-rimedju se jaghti lir-rikorrent success garantit, imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista’ jigi segwit b’mod prattiku, effettiv u effikaci;*

*“Id-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f’dan ir-rigward trid titwettaq b’mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il-Qrati ta’ indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b’kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;*

*“In-nuqqas wahdu ta’ tehid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta’ xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma’ l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent;*

*“Izda meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali.*”

“Fil-fehma ta’ din il-Qorti, ir-rimedju li taghti l-ligi bl-artikolu 6(2) tal-Kap. 88 imsemmi hu rimedju effettiv ghal-lanjanzi tar-rikorrenti. Dawn qed jilmentaw mill-fatt illi l-esproprjazzjoni in kwistjoni saret fl-interessi ta’ terzi u mhux fl-interess generali tal-pubbliku u saret ukoll b’mod diskriminatorju, kwistjonijiet li jidhlu biex jigu kkunsidrati fil-kuntest ta’ l-artikolu msemmi.

“Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Buxom Poultry Ltd. v. Kummissarju tal-Artijiet et”, deciza fil-15 ta’ Dicembru 2010 (sentenza li giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta’ Novembru 2011), fil-kuntest ta’ l-artikolu 21(2A)

ta’ l-Att dwar it-Tigdid ta’ Kiri ta’ Raba’ (Kap. 199 tal-Ligijiet ta’ Malta), liema artikolu hu simili ghall-artikolu 6(2) tal-Kap. 88, invokat f’dan il-kaz,

““*Din il-Qorti tispjega li kien hemm zmien fil-passat fejn il-qrati ma kinux jindahlu fl-istqarrija tal-Gvern li hu kien qed jagixxi fl-interess pubbliku ghax kienet meqjusa bhala materja li tidhol fil-funzjoni tal-Gvern iure imperii. Eventwalment, meta l-kuncett tad-drittijet fundamentali beda jigi apprezzat aktar, il-Qrati taghna, fil-kompetenza taghhom Kostituzzjonali, bdew jisindikaw tali dikjarazzjoni, ghax tehid ta’ proprjeta’ jew terminazzjoni ta’ kirja mill-Gvern li ma jkunux saru verament ghal skop pubbliku, bdew jigu meqjusa bhala atti li jilledu d-drittijiet fundamentali tal-persuna milquta. Dan beda jsir minn dawn il-Qrati, peress li skond il-ligijiet allura vigenti, ma kienx hemm rimedju ordinarju kontra agir bhal dan.*

*“Ricentement, pero’, il-Legislatur haseb biex dan ir-rimedju straordinarju ta’ natura Kostituzzjonali jigi inkorporat fil-ligi u moghti bhala rimedju ordinarju. Rimedju straordinarju taht il-Kostituzzjoni huwa, ftit jew wisq, ta’ “imbarazz” ghall-Gvern ghax ifisser li jkun naqas milli jipprovdi lic-cittadin bir-rimedji opportuni f’kaz ta’ allegazzjoni li gew lezi d-drittijiet tieghu. Meta l-Gvern jipprovdi rimedju effettiv, m’ghandux ikompli jigi “imbarazzat”, billi dan ir-rimedju provdut jigi injorat u minflok dak li jkun jirrikorri mill-ewwel ghal xi tip ta’ rimedju straordinarju (ara bhala rifless fuq dan il-hsieb il-kawza “<u>Mifsud Bonnici vs Tabone</u>”, deciza minn din il-Qorti fl-24 ta’ Settembru, 2002).*

*“F’dan il-kaz, il-lanjanzi tar-rikorrenti jidhlu biex jigu kkunsidrati fil-kuntest tar-rimedju issa pprovdut fl-artikolu 21(2A) imsemmi. Dan ir-rimedju kien gia jezisti meta giet terminata l-kirja u ma kien hemm xejn xi jzomm lis-socjeta’ rikorrenti tinvokah. Is-socjeta’ rikorrenti qed tghid li t-terminazzjoni ma saritx fl-interess pubbliku, anke ghaliex intefghet fuqha “an excessive burden” bi ksur tal-principju ta’ proporzjonalita’. Dan sewwa sew jidhol fil-parametri ta’ x’inhu l-iskop pubbliku li jista’ jigi kkontestat bl-artikolu msemmi. Dan ghaliex biex jista’ jinghad li kirja intemmet*

*ghal skop pubbliku, irid jigi muri, kif ghalmet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, mhux biss li kien hemm ghan legittimu wara dik il-mizura, izda ukoll li nzamm sens ta' proporzjonalita', u jekk ma jigux sodisfatti dawn iz-zewg kriterji, l-agir ma jkunx jista' jitqies li sar ghal skop pubbliku. Dak li jrid l-interess genrali, fi kliem iehor, hu li l-mizura tkun fl-interess tas-socjeta' in generali u li tinzamm proporzjonalita' bejn dan l-interess u d-drittijiet tal-privat; jekk il-privat isofri "a disproportionate and excessive burden", ma jistax jinghad li l-iskop pubbliku ken milqugh.*

*"Il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, imwaqqaf bil-ligi, ghandu fl-interpretazzjoni tieghu ta' x'inhu "l-iskop pubbliku" iqis dak li tghid il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward u ghalhekk tikkunsidra l-margni wiesgha ta' diskrezzjoni mholli f'idejn l-awtoritajiet u l-element ta' proporzjonalita'. Biex l-iskop pubbliku jkun legittimu "a measure must be both appropriate for achieving its aim and not disproportionate thereto" (ara "James and others vs United Kingdom", deciza mill-Qorti Ewropea fil-21 ta' Frar, 1986). Dawn huma zewg branki tal-istess indagini li jkun irid isir, ghax ikun kontro-sens li dawn il-hwejjeg jigu mistharrga minn zewg tribunali differenti, meta fil-verita', jirriflettu ghan wiehed, u cioe', l-iskop pubbliku tal-mizura li ttiehdet mill-awtoritajiet.*

*"Kemm ir-rimedju "kostituzzjonali" jew "konvenzjonali" huma rimedji li wiehed jghaddi biex jirrikorri ghalihom fejn ma jkunx jista' jintalab u jinghata rimedju xieraq b'mod iehor. F'dan il-kaz intwera li kien jezisti rimedju iehor li kien tajjeb u effettiv, u jekk is-socjeta' rikorrenti naqset li taghmel uzu minnu – u ma giex muri raguni valida ghala dan sar – ma tistax issa tipprova tikseb l-istess rimedju minn din il-Qorti. It-tieni eccezzjoni tal-intimati hija, ghalhekk, misthoqqa u sejra tigi milqugha, u la hu hekk, il-Qorti jkollha tieqaf milli tisma' aktar din il-kawza.*"

"Dan kollu japplika *mutatis mutandis* ghal dan il-kaz. Anke l-materja ta' diskriminazzjoni hija wahda li tista' u ghandha tigi mistharrga mit-tribunal ordinarju, ghax din hija kwistjoni marbuta ma' agir korrett ta' l-amministrazzjoni, li

kull tribunal inkarigat biex jistharreg dak l-agir ghandu dmir li jezamina. Fil-fatt, il-Qorti ta' l-Appell kienet hekk osservat fil-kuntest tas-setghat tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ambjent u l-Ippjanar – ara "Zammit v. Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar", deciza fil-31 ta' Mejju 2002. Tribunal mahtur b'ligi biex jissindika att amministrattiv jekk hux skont il-ligi jew le, ghandu l-poter jissindika dak l-ghemil anke f'kaz ta' allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, u dan apparti l-poteri generali tal-qrati a bazi ta' l-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jawtorizza ezami ta' kull att amministrattiv meta rimedju partikolari ma jkunx provdut f'xi ligi ohra.

"Fi kliem iehor, isegwi li l-agir ta' l-amministrazzjoni f'kaz ta' esproprju, jista' jigi sindikat jew quddiem il-qrati ordinarji jew anke quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet, u dana skont in-natura ta' l-ilment.

"Il-fatt li rikors quddiem l-imsemmi Bord, wahdu, ma jfixkilx l-issoktar tal-proceduri ta' esproprjazzjoni ma jwassalx ghall-konkluzjoni li dak ir-rimedju mhux effettiv. Fl-ewwel lok, ma jidhirx li l-ligi qed teskludi li jistghu jittiehdu proceduri ohra biex il-process ta' l-esproprju jigi sospiz, u fit-tieni lok, l-istess ligi takkorda kumpens f'kaz ta' tkomplija ta' process li wara jigi dikjarat irregolari. Ma hemmx limitu ghall-ammont ta' kumpens li jista' jinghata, u kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. L-ghoti ta' kumpens adegwat iwassal ghal "just satisfaction" ghall-ksur tad-drittijiet ta' dak li jkun. Apparti dan, il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kaz ta' "Buxom Poultry Ltd.", aktar qabel imsemmi, kienet osservat illi,

""*Fil-kaz li l-Bord jiddeciedi li l-iskop ma huwiex pubbliku, allura s-socjeta' rikorrenti jkollha rimedju tajjeb billi d-Dikjarazzjoni tal-President tigi dikjarata nulla, minghajr htiega allura li ssir din il-kawza kostituzzjonali abbazi taz-zewg artikoli tal-ligi msemmija minnha.*"

"Ovvjament, biex dan ir-rimedju jkun effettiv, it-Tribunal ordinarju jrid igawdi mill-elementi ta' indipendenza u imparzjalita' mehtieg biex dak li jkun ikollu smiegh xieraq. Dwar dan it-Tribunal, il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet, il-

Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza "Frendo Randon et vs Il-Kummissarju tal-Art et", deciza fl-10 ta' Lulju 2009, kienet osservat li, kif kien kontemplat fil-ligi li jkun kostitwit, ma kienx jaghti affidament ta' smiegh xieraq minhabba l-mod tal-hatra tal-membri teknici ta' l-istess Bord u l-poteri li kellhom dawn l-istess membri teknici. Il-Gvern, pero', irremedja ghal dan in-nuqqas bl-Att XXI ta' l-2009 u l-pozizzjoni issa hi differenti milli kif kienet fiz-zmien tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta' "Frendo Randon" fuq imsemmija. Il-pozizzjoni tal-membri teknici tal-Bord inbidlet u filwaqt li dawn issa jinhatru ghall-kaz mic-Chairman biex jassistuh fid-deliberazzjonijiet tieghu, id-decizjoni tittiehed dejjem mill-Magistrat Chairman – artikolu 25(5) tal-imsemmi Kap. 88. Inoltre, issa hemm appell ghal quddiem il-Qorti ta' l-Appell "*fuq kwalunkwe wahda mill-materji*" indikati fl-istess artikolu 25. Dan ifisser li r-rikorrenti ghandhom garanzija mhux biss li l-kaz taghhom jinstema' u jigi deciz minn Chairman ta' Bord, li ghandu jkun magistrat jew imhallef, izda bi dritt ta' appell ghal quddiem il-Qorti ta' l-Appell, li zgur toffri garanzija ta' smiegh indipendenti u imparzjali.

"Issegwi, allura, li r-rimedju kontemplat mil-ligi jaghti garanzija ta' smiegh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali u jista' jindirizza l-ilmenti tar-rikorrenti marbuta ma' dan l-esproprju.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tilqa' t-tielet eccezzjoni preliminari ta' l-intimati, u a tenur ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha ghar-raguni li r-rikorrenti kellhom mezz xieraq ta' rimedju taht ligi ordinarja ohra ghall-ksur tal-jeddijiet taghhom kif minnhom allegat, u b'hekk tillibera lill-intimati mill-osservazzjoni tal-gudizzju.

"L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mir-rikorrenti."

**L-Appell**

**[11]** Illi fis-succint, l-aggravju tal-appellanti jikkonsisti fis-segwenti: [1] li l-ewwel Qorti ma halliethomx iressqu x-

xhieda mitluba minnhom; u li ma kellhomx l-opportunita` li jigu mismugha, avolja dan kien kaz ta' tehid ta' proprjeta`; [2] li l-gurisdizzjoni tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet [il-Bord] hija limitata b'mod li ma jistax jaghti rimedju effettiv; [3] li l-Bord ma jistax jaghti rimedju xieraq, stante li r-rimedju li jista' jaghti huwa limitat ghal wiehed ta' kumpens; [4] li l-provisio tal-Artikolu 6[2] jeskludi l-att kawtelatorju tal-mandat ta' inibizzjoni bhala mezz sabiex jigu sospizi x-xoghlijiet minn li jkunu qed isiru fl-art esproprijata.

**[12]** Illi qabel ma din il-Qorti tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-aggravju li fuqu l-appellanti qed isejsu l-appell taghhom, huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet, kemm ta' natura legali kif ukoll ta' natura fattwali.

**[13]** L-appell odjern jikkoncerna principalment l-uzu tad-diskrezzjoni ezercitat mill-ewwel Qorti skont il-proviso tas-sub-inciz [2] tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni. Fit-termini ta' dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi, il-Prim' Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha:

"tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-sub-artikolu f' kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xieraqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra"[1]

**[14]** Illi b'din id-dispozizzjoni tal-ligi, il-Legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim' Awla biex, min-naha 'l wahda ma jkunx hemm kawzi kostituzzjonali [jew taht il-Kap. 319] bla bzonn, izda min-naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew taht il-lenti Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni [anke jekk dawn setghu jigu ezaminati taht xi ligi ohra] dawn jigu hekk ezaminati, u dan fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghha.[2]

---

[1] Art.46[2] Kostituzzjoni
[2] Ara fost ohrajn, Q.Kos. **Residual Limited v. Kummissarju Artijiet** – 24 Mejju 2004; u Q.Kos. **Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija** – 2 Novembru 2001

**[15]** Ingredjent essenzjali ghar-rifjut tal-ewwel Qorti li tezercita s-setghat taghha taht is-sub-inciz 2, huwa l-ezistenza ta' rimedju xieraq, li l-gurisprudenza nterpretattiva nostrana tiddeskrivi bhala rimedju accessibbli, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat. Biex rimedju jitqies effettiv m'hemmx ghalfejn li jintwera li ser jaghti lir-rikorrent success garantit, imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku u effikaci[3].

**[16]** Illi l-kaz in dizamina jikkoncerna l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici [Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta] u senjatament l-Artikoli 3, 6, 12, 22 u 25 ta' din il-ligi. Skont dawn l-artikoli, il-President ta' Malta jista' b'dikjarazzjoni ffirmata minnu jiddikjara li proprjeta` hija mehtiega ghal skop pubbliku[4]. Jekk l-art tkun ser tigi akkwistata b'xiri assolut, il-proprjeta` taghha tghaddi f'idejn il-Gvern mid-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.[5] Kull persuna nteressata fl-art indikata fid-dikjarazzjoni presidenzjali tista' tikkontesta l-element tal-iskop pubbliku permezz ta' applikazzjoni prezentata quddiem il-Bord tal-Arbitragg fi zmien 21 jum mid-data tal-pubblikazzjoni taghha. Il-procedura quddiem il-Bord hija regolata skont id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell mid-decizjonijiet tal-Bord.[6]

**[17]** "Iżda l-preżentata ta' rikors skont dan is-subartikolu m'għandhiex tfixkel l-issoktar tal-proċeduri ta' esproprjazzjoni jew l-għemil ta' kull ħaġa li tista' ssir fuq dik l-art skont din l-Ordinanza, f'dak iż-żmien meta r-rikors ikun għad irid jiġi deċiż, bla ħsara għad-dritt tar-rikorrent li jingħata kumpens f'każ illi ddikjarazzjoni tal-President tinstab li tkun mingħajr skop pubbliku."[7]

---

[3] Ara fost ohrajn, Q.Kos. **Dr.Mario Vella v. Joseph Bannister** – 7 Marzu 1994; Q.Kos. **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs** – 16 Jannar 2006
[4] Art.3
[5] Art.22 [8]
[6] Art.6[2]
[7] Srt.6[2][proviso]

**[18]** Ghalhekk skont din l-ahhar parti tal-ligi, fil-kaz li l-applikant jikkontesta b'success l-ezistenza tal-iskop pubbliku, huwa jigi kumpensat ghal dak kollu li jkun sar fl-art inkwistjoni. Inoltre, kif gja` osservat minn din il-Qorti fil-kaz *Buxom Poultry Ltd*[8], id-dikjarazzjoni presidenzjali tigi dikjarata nulla, minghajr htiega allura li ssir kawza kostituzzjonali[9] u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tieghu li jipprezenta proceduri kostituzzjonali jekk l-applikant isostni li gew lezi xi drittijiet fundamentali tieghu.
**[19]** Illi fil-mertu jigi rilevat li, ghalkemm id-dikjarazzjoni presidenzjali giet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, u ghalkemm l-appellanti kienu jafu b'dan l-avviz fit-terminu koncess lilhom mil-ligi ta' 21 gurnata, li kien jaghalaq fl-1 ta' Frar 2012[10], huma ghazlu li jipprezentaw il-proceduri kostituzzjonali odjerni, minnflok ghamlu uzu mir-rimedju ordinarju alternattiv kontemplat fl-Artikolu 6 fuq citat.

*L-Aggravju*

**[20]** [A] L-appellanti jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti rrifjutat talba taghhom sabiex iressqu x-xhieda ndikata minnhom qabel ma tghaddi ghad-decizjoni dwar it-tielet eccezzjoni. Jghidu li l-ewwel Qorti addottat *"a blinkered view li, assolutament ma riditx tisma' l-ebda wiehed mix-xhieda mitluba mill-esponent bhal li kieku l-kaz kien gja pre-determinat, u li l-Qorti ma rieditx tizvija minn dak li hi kellha f' mohha."* Ukoll jilmentaw mill-fatt li l-uniku xhud li thallew iressqu kien *"proprju l-iktar xhud li se jixhed kontra taghom."*

**[21]** Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li huwa d-dmir ta' kull Qorti li tirregola l-prosegwiment tal-kawza u s-smigh tax-xhieda skont il-ligi, b'mod li ma jithallhiex li jsir abbuz minn xi parti a skapitu ta' parti ohra. Dan huwa r-ratio legis tal-Artikolu 157 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili meta fis-sub inciz [1] jghid espressament:
"Il-qorti ghandha tichad li tingieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija zejda, jew li jidhrilha li mhix l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."

---
[8] Supra
[9] Para.26
[10] 21 gurnata mid-data tal-11 ta' Jannar 2012 li fiha deher l-Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern.

**[22]** L-ilment tal-appellanti fir-rigward jirreferi ghan-nota[11] prezentata mill-appellanti kontenenti l-ismijiet tax-xhieda li xtaqu jressqu f'dan l-istadju, u l-oggett tal-prova. Ix-xhieda ndikati mill-appellanti huma dawn: [1] William Vella sabiex jixhed dwar l-espropriju u l-impatt tal-istess fuq l-appellanti, kif ukoll sabiex jixhed dwar id-diskors bejnu u bejn il-familja Bonello; [2] rapprezentanti tal-MEPA sabiex jixhdu dwar il-permess ta' zvilupp tal-familja Bonello; [3] il-Perit Carmel Caccopardo u Kevin Brincat [*quantity surveyor*] sabiex jixhdu dwar l-effett tal-esproprju fuq il-mahzen; [4] il-komputista tas-socjeta` appellanti sabiex jixhed dwar l-impatt tal-espropriju fuq in-negozju tas-socjeta` appellanti; [5] rapprezetant tal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jixhed "dwar ir-raguni ghaliex inbdew il-proceduri tal-esproprju, dwar jekk id-dikjarazzjoni presidenzjali ghandhiex effett li tghaddi t-titolu tal-proprjeta`, u l-istima hemm indikata; [6 ] Direttur Generali Qrati Civili Tribunali sabiex jixhed dwar il-proceduri quddiem il-Bord u kemm idumu dawn il-proceduri, inkluz meta jkun hemm appell quddiem il-Qorti tal-Appell.

**[23]** B'digriet tas-7 ta' Mejju 2012[12], l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-appellanti sabiex, *"f'dan l-istadju",* iressqu l-provi ndikati fin-nota, *"<u>hlief</u> ghall-Kummissarju tal-Artijiet biex jixhed ghall-iskop minnhom stess indikat..";* u dan wara li osservat hekk:

"Fit-tielet paragrafu taghhom, l-intimati jissollevaw l-eccezzjoni marbuta man-nuqqas tar-rikorrenti li jizufruwixxu ruhhom mir-rimedji ordinarji alternattivi u disponibbli, u trattandosi tal-fatt li din il-materja hija wahda pjuttost legali, ma tarax il-htiega li, f'dan l-istadju, u ghal dan l-iskop jitharrku l-persuni kollha li r-rikorrenti ndikaw fin-nota taghhom.."

B'digriet sussegwenti moghti fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2012, l-ewwel Qorti, wara li ghamlet referenza ghad-

[11] Fol.31
[12] Fol.35

digriet precitat, cahdet it-talba tal-appellanti sabiex jipproduci bhala xhur lil Perit Michael Schembri.[13]

**[24]** Illi mill-premess jirrizulta car kemm hu fieragh dan l-ilment. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, ghall-finijiet tal-eccezzjoni in dizamina, wiehed biss mix-xhieda ndikati fin-nota tal-appellanti kien relevanti ghall-vertenza li hija izjed ta' natura legali milli fattwali. Anzi din il-Qorti zzid li lanqas ix-xhieda tal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jixhed dwar l-iskop tal-espropriju, ma kienet daqshekk relevanti, ghax ladarba mill-atti, u senjatament, mill-Avviz anness mar-rikors promotur u mid-data tal-prezentata tal-istess rikors, jirrizulta manifest li, fit-terminu legali ta' 21 gurnata preskritt mill-Artikolu 6[2], l-appellanti minflok ghamlu rikors quddiem il-Bord, prezentaw il-kawza kostituzzjonali, allura l-vertenza tirriduci ruhha ghal wahda purament legali, u l-produzzjoni tax-xhieda ndikati fl-imsemmija nota ghall-iskopijiet hemm indikati kienet isservi biss sabiex ittawwal ghal xejn u b'mod abbuziv il-proceduri kostituzzjonali. Din l-ahhar konsiderazzjoni tassumi izjed qawwa meta tigi ezaminata fid-dawl tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-2 ta' Frar 2012 fuq rikors maghmul mill-appellanti, li permezz tieghu l-ewwel Qorti ordnat lill-intimati li f'dak l-istadju ma jaghmlu xejn in konnessjoni ma' l-art li jista' jippregudika l-ezitu tar-rikors kostituzzjonali.[14]

**[25]** Illi l-appellanti jsostnu li gie lez fil-konfront taghhom id-dritt tal-*equality of arms* meta d-decizjoni tat-tehid tal-proprjeta` taghhom ttiehded *"minghajr ma biss ittiehdu konsiderazzjonijiet tal-esponent".* Fir-rigward din il-Qorti tosserva li l-Kummissarju intimat agixxa skont il-ligi li tippermetti tehid ta' proprjeta` b'dikjarazzjoni tal-President, basta l-esproprju jkun a skop pubbliku li, f'dan il-kaz kien it-twessigh ta' triq. Dan setgha legalment isir minghajr ma jkunu konsultati s-sidien jew l-okkupanti tal-proprjeta`, li min-naha taghhom kellhom id-dritt bl-istess ligi li jikkontestaw ir-raguni tal-esproprju bil-mezz ordinarju ta' rikors quddiem il-Bord. Izda l-appellanti ghazlu li jiskartaw

[13] Fol.22
[14] Fol.9

dan ir-rimedju, u minflok jressqu proceduri kostituzzjonali, u ghalhekk ma jistghux f'dan l-istadju, validament jghidu, li ma kellhomx l-opportunita` li jsemmu lehenhom.

**[26]** Ghalhekk dan l-ilment huwa nfondat.

**[27]** [B] Fit-tieni u fit-tielet parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti jilmentaw li l-gurisdizzjoni tal-Bord hija limitata b'mod li r-rimedju li tista' taghti m'huwiex la xieraq u lanqas effettiv.

**[28]** Illi kif fuq osservat, il-Bord ghandu kompetenza li jiddeciedi l-kontestazzjoni dwar l-ezistenza o meno, tal-element tal-iskop pubbliku rikjest mil-ligi biex id-dikjarazzjoni presidenzjali, li biha tkun ittiehdet il-proprjeta` ta' terzi, tkun valida skont il-ligi. Fil-kaz li d-decizjoni tal-Bord tkun fis-sens li jonqos dan l-element, allura s-substratt legali tal-validita` tal-imsemmija dikjarazzjoni jkun mankanti, bir-rizultat li d-dikjarazzjoni tigi dikjarata nulla u bla effett fil-ligi. La darba l-Bord inghata mil-ligi l-funzjoni li jistabbilixxi jekk kienx hemm skop pubbliku, dan ghandu jwassal ghall-konkluzjoni logika li fin-nuqqas ta' dan l-element jiddikjara nulla d-dikjarazzjoni.

**[29]** Li kieku dan ma kienx hekk, u kif isostnu l-appellanti li l-Bord m'ghandux il-fakolta` li jiddikjara nulla d-dikjarazzjoni presidenzjali, allura d-dritt ta' rikors quddiem il-Bord kien ikun inutili u illuzorju, stante li fi kwalunkwe kaz, anke jekk l-espropriju jkun instab li sar ghal skop pubbliku, l-applikant xorta ser jigi kkumpensat. B'din id-dispozizzjoni tal-ligi, il-*legislatur ried li* "kull persuna nteressata fl-art" jkollha mod effettiv biex jikkontesta l-iskop pubbliku.

**[30]** Illi rizultat tan-nuqqas tal-element tal-iskop pubbliku, u tal-konsegwenzjali dikjarazzjoni ta' nullita` tad-dikjarazzjoni presidenzjali, il-proprjeta` tirriverti ghand l-applikant u ghalhekk ikun hemm *restitutio in integrum,* flimkien ma' l-ghoti tal-kumpens ghax-xoghlijiet li jkunu saru maghtul il-proceduri quddiem il-Bord.

**[31]** Illi l-appellanti jissottomettu wkoll li rikors quddiem il-Bord ma jikkostitwix rimedju effettiv, stante li skont huma, il-proceduri *“idumu l-ghexieren ta’ snin”.* Dan l-argument ghall-finijiet tal-vertenza in dizamina huwa *non-starter* u ma jistax jitqieghed bhala raguni valida biex l-appellanti jiskartaw ir-rimedju ordinarju espressament provdut mil-ligi u jmorru mall-ewwel quddiem din il-Qorti. Ghandu jirrizulta car li fil-kaz li proceduri jiehdu zmien aktar minn dak li huwa ragjonevoli fic-cirkostanzi, l-appellanti xorta jibqalghom impregudikat id-dritt li jadixxi lil din il-Qorti ghal-lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom ghal smigh fi zmien ragjonevoli.

**[32]** Ghalhekk din il-parti tal-aggravju hija wkoll infondata.

**[33]** [C] Ilment iehor tal-appellant huwa fis-sens li d-dispozizzjonijiet tal-Kap. 88 u senjatament il-proviso tal-Artikolu 6 [2] jeskludu l-fakolta` li l-esproprju materjali jigi sospiz permezz ta’ mandat ta’ inibizzjoni kawtelatorju.
**[34]** Din il-Qorti thoss li f’dan il-kaz, il-vera raguni ghaliex l-appellanti rrikorrew mal-ewwel ghall-proceduri kostituzzjonali hi, ghax kienu tal-fehema li l-imsemmi proviso, jeskludi li jigi ottenut mandat ta’ inibizzjoni biex il-Kummissarju ntimat jigi mpedit milli jidhol fil-fond taghhom u jesegwixxi x-xoghlijiet ta’ demolizzjoni necessarji ghat-twessigh tat-triq. Din il-fehema tal-Qorti hija msahha bil-fatt li kontestwalment mar-rikors promotur huma talbu, u fit-2 ta’ Frar 2012 ottjenew l-ordni provvizorja fuq citata, b’hekk gew sospizi x-xoghlijiet relatati mal-espropriju.

**[35]** Fir-rigward il-Qorti tikkondividi l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti, fis-sens li l-proviso fuq citata b’mod car tghid li r-rikors li jigi prezentat quddiem il-Bord skont l-Artikolu 6[2], ma jfixkilx l-issoktar tal-proceduri ta’ esproprijazzjoni, izda ma teskludix il-mizura ta’ hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhala att kawtelatorju sabiex twaqqaf ix-xoghlijiet li jkunu ser isiru fil-fond soggett tal-espropriju.

**[36]** Ghalhekk anke din il-parti tal-aggravju hija nfondata.

**[37]** [D] L-appellanti jilmentaw ukoll minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti osservat, wara li ccitat il-kawza **App.S. Richard Zammit v. Chairman Awtorita' tal-Ippjanar**[15] li:

"Tribunal mahtur b' ligi biex jissindika att amministrattiv jekk hux skond il-ligi jew le, ghandu l-poter li jissindika dak l-ghemil anke f' kaz ta' allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, u dan apparti l-poteri generali tal-qrati a bazi ta' l-Artikolu 469A tal-Kodici u Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta] li jawtorizza ezami ta' kull att amministrattiv meta rimedju partikolari ma jkunx provdut f' xi ligi ohra.

Fi kliem iehor, isegwi li l-agir ta' l-amministrazzjoni f' kaz ta' espropriju, jista' jigi sindikat jew quddiem il-qrati ordinarji jew anke quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, u dan skont in-natura tal-ilment."

**[38]** Illi t-tezi tal-appellanti fir-rigward hija li l-Bord m'ghandux il-poter statutorju sabiex jiddeciedi l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni fil-konfront taghhom, u ghalhekk rikors quddiem il-Bord ma jistax iwassal ghal rimedju xieraq u effettiv dwar dan l-ilment ta' indoli kostituzzjonali. Isostnu wkoll li lanqas l-imsemmi Artikolu 469[A] ma jista' jaghtihom rimedju effettiv, f'kaz li tinstab lezjoni ta' dritt fundamentali.

**[39]** Qabel xejn il-Qorti tosserva li, kif diga` gie affermat minn din il-Qorti f'kazijiet precedenti:

"l-organi gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji kollha [huma] fid-dover li jinterpretaw u japplikaw il-ligi..... fid-dawl tal-assiem tad-dritt Malti li certament jinkludu wkoll ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, u dan <u>sa fejn kien konsentit lilhom li jaghmlu fil-parametri tal-ligi</u> li huma kienu qeghdin jinterpretaw."[16]

---

[15] Deciza 31 Mejju 2002

[16] Q.Kos. **Teddy Rapa v. Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar** – 31 Mejju 2000 – sottolinear ta'din il-Qorti

**[40]** Jinghad ukoll li l-Qrati ghandhom dejjem jassiguraw l-osservanza tal-Kostituzzjoni u japplikaw il-ligijiet ordinarji fid-dawl tad-dispozizzjonijiet taghha; kif l-istess ghandhom l-obbligu li japplikaw dan il-principju fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropeja li hi parti mid-dritt ordinarju tal-pajjiz.[17]

**[41]** Illi fil-kaz in dizamina, ghalkemm, kif fuq indikat, ir-rikorrenti kellhom fil-ligi rimedju xieraq u effettiv biex jikkontestaw il-fattur tal-iskop pubbliku li hu element essenzjali ghall-validita` legali tal-esproprju, dan m'ghamluhx. Ghalhekk mhuwiex legalment konsentit li issa jressqu lment kosituzzjonali dwar diskriminazzjoni, u dan peress li jonqos l-element tal-interess guridiku, substratt essenzjali, ghall-validita` tal-proceduri gudizzjarji. Dan l-element kien ikun ukoll manifestament mankanti li kieku r-rikorrenti kkontestaw b'success l-element tal-iskop pubbliku quddiem il-Bord, izda dan m'ghamluhx u b'hekk accettaw il-validita` legali tal-esproprju. Altrimenti, ikun qed jigi stultifikat kull rimedju legalment validu fil-ligi provdut mil-ligi ordinarja kemm-il darba jigi permess li persuna tistitwixxi proceduri kostituzzjonali, li fihom infushom huma ta' natura straordinarja, minghajr ma qabel tirrikorri ghal dawk il-proceduri ordinarji li jistghu jaghtuh rimedju effettiv u adegwat ghal-lanjanza ordinarja tieghu.

**[42]** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi michud, filwaqt li tiddikjara ezawrita t-talba tar-rikorrenti sabiex jinghata provvediment fuq ir-rikors tat-18 ta' Mejju 2012 ghal zieda ta' kawzali gdida fir-rikors promotur

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

[17] Q.Kos.**Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija** – 3 Novembru 2001

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------